22001D0146

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 146/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li jemenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jemenda l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/505/KE tal-25 ta' Lulju 2000 li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KE: dwar il-kondizjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Kommunitarju fi, u importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tiġieġ u bajd li ser ifaqqas u li temenda id-Deċiżjoni 96/482/KE li tniżżel il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tat-tiġieg u l-bajd li ser ifaqqas tiegħu minn pajjiżi terzi inklużi l-miżuri għas-saħħa ta' l-annimali li għandhom japplikaw wara li tkun saret l-importazzjoni ([2]), għandha tiġi inkorporata f'din id-Deċiżjoni.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika lill-Islanda u lil-iechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt numru 3 (Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) tal-Parti 8.1 ta' Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"– **32000 D 0505**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/505/KE tal-25 ta' Lulju 2000 (ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 8.)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2000/505/KE fil-lingwa tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppubblikati fit-taqsima Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, jekk in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 201, tad-9.8.2000, p. 8.
(*) L-ebda ħtiġijiet konsitituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima taż-ŻEE ta', u fil-parti Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND